# DAQQA TA' STALLETT

Ghalkemm il-boghod kien jifred lil George minn martu Maria u Stefania, bintu ta' tlett snin, bis-sahha tat-teknologija moderna setghu jaraw u jkellmu lil xulxin. George kien jifforma parti minn forza amerikana ghaz-zamma tal-paci gewwa l-Afganistan. Kienet daqqa ta' harta kbira ghalih li ma setghax igawdi lil bintu tikber taht ghajnejh, izda d-dmir sejjahlu band'ohra u kien jittama li ma jdumx ma jghaddilu z-zmien biex jerga' lura f'pajjizu.

Meta kien ikun wahdu mindud fuq is-sodda wiccu 'l fuq ihares lejn id-dalma tas-saqaf kien jiftakar fiz-zmiem tan-namur taghhom u kemm kien ferhan meta iltaqa' ghal l-ewwel darba maghha fuq it-trejn, it-tnejn sejrin ghax-xoghol. Hi kienet tahdem f'restaurant qrib il-barracks tieghu u meta talabha tohrog mieghu hija accettat mill-ewwel. Qaltlu li kienet tifla unika ta' familja taljana li emigrat fl-Istati Uniti biex missierha jsib ix-xoghol. Qalilha li hu kien raha l-ewwel darba fuq it-trejn, minkejja li kienet tahdem daqshekk qrib tieghu.

Xi xhur wara zzewgu, billi kien jaf li fil-qarib futur kienu ser isejhulu biex jinghaqad mal-forza multi nazzjonali ghaz-zamma tal-paci gewwa l-Afganistan; ma riedx itawwal id-data taz-zwieg bla bzonn. Ma damux ma kellhom l-ewwel tarbija taghhom u semmewha Stefania billi twieldet l-ghada tal-Milied, jum San Stiefnu. Lil George ghogbu hafna l-isem ta' Stefania billi ismijiet ohra li kien imdorri jisma' kienu kollox barra vera ismijiet umani. Xahrejn wara li twieldet Stefania, telaq lejn l-Afangistan.

Fil-bidu ta' Dicembru, Maria rceviet ittra minghand zewgha George. Kienet wahda minn dawk l-okkazjonijiet rari li zewgha kien jiktbilha ghax hu kien jippreferi li jaraha u jkellimha minn fuq il-kompjuter.

Maria fethet l-ittra u minnha harget ritratt. "Stefanja ejja ara x'baghtlek il-Papa." L-ittra kienet ghid li George kien ser jigi jqatta' il-vaganzi tal-Milied maghha u ma' bintu Stephania u kien ser jasal lejlet il-Milied. Fl-ahhar ta' l-ittra kien hemm paragrafu li George talabha biex taqrah lil bintu. Kien jghid hekk:



Ghaziza Stephania,
Hawn ser issib ritratt tieghi mehud ma' habib specjali li ser ingib mieghi ghalik. Jismu Pickle u jorqod mieghi kull filghaxija. Kuljum inkellmu u nsemmik mieghu. Nghidlu kemm inti tifla specjali u hu jinsab herqan li jigi jiltaqa'

mieghek.
Hu hsieb u obdi lil mummy.
U tinsiex terfali ftit bews ghal meta nigi lura d-dar.
Missierek
George.

Jumejn biss qabel il-Milied habbat il-bieb tad-dar tal-familja Martins. Maria marret u fethet il-bieb u ma' wiccha tilmah zewg ufficjali tal-morini amerikani. X'hin rathom qalbha ghamlet tikk. "Zgur xi bxara hazina fuq zewgi George," qaltilhom Maria, filwaqt li ndikatilhom biex jidhlu u joqghodu bil-qieghda.

"Ikkalma sinjura," wegibha l-aktar anzjan. "Kollox nghidulek. Waqt li zewgek kien rieqed flimkien mal-morini l-ohra fil-barracks, karrozza bomba tifqa' ix-xatba u tibqa' diehla b'kemm kellha sahha fuq gewwa nett. Mal-habta l-karrozza taret u maghha ggarraf il-bini tal-barracks. In-numru ta' l-imwiet tela' ghal madwar ghoxrin filwaqt li kien hemm hafna feruti."

"U meta gara dan?"

" Nhar il-Hadd li ghadda, hekk kif il-kappillan ta' l-armata lesta jqaddes is-Sibt filghaxija, kulhadd mar biex jistrieh. Izda ma damux wisq ghax sehh dak li sehh. Filwaqt li rridu nuruk id-dispjacir taghna ghal dak li gara, ninfurmawk li l-igsma tal-mejta ser jingiebu nhar it-Tlieta, jumejn fuq il-Milied fl-ajruport ta' l-armata. Ghad-disa' ser nibghatulek karrozza tas-servizz biex tigbrok u tkun tista tattendi ghall-funeral. "

Marija siket ghal xi mumenti u meta l-ufficjali raw li ma tkellmitx qalulha: " Nistghu inkunu ta' ghajnuna ghalik?"

Hija wegbithom: "Xejn. Grazzi." L-ufficjali qamu, raddhulha hajr u telqu. Marija ntasbet fuq il-pultruna, difnet wiccha f'idejha u kbiet.

Maria flimkien ma' bintha Stefania, ommha u missierha rikbu l-karozza ghal ajruport.

Stefania gabet maghha r-ritratt ta' missierha u anke l-ittri li kien jibghatilha mill-Afghanistan. Ilkoll rabtithom b'zigarella roza u tefithom fil-basket li garret maghha. Hija kienet liebsa libsa blu ghax missierha kien ihobbu hafna dak il-kulur. Fuq rasha xeddet kappell ta' l-istess kulur, imma b'zigarella bajda. Zgur li missierha kien ser jiehu pjacir bil-mod kif kienet liebsa.

Fl-ajruport hemm rat hafna nies fosthom tfal bhala u ssoponiet li huma ukoll kienu hemm biex jaghtu merhba lil missiriethom.

Bir-ragun li jkunu hemm, hasbet Stefania ghaliex kellhom genn kbir biex jaraw lil missierhom. Imma wicc ommha u nannuha u nannitha kienu miksija b'dieqa kbira. Anke t-tfal u l-genituri taghhom kienu qalbhom sewda. Tghid ghaliex, hasbet Stefania, suppost li jkunu ferhana jilqghu lil missiriethom?

Mill-ajruplan nizlu xi nies libsin l-uniform ta' suldati jgorru fuq spallejhom xi twiebet mghottija b'bandiera amerikana. Ilkoll resqu lejn it-tebut, missewh u resqu lura. Ommha u n-nanniet bdew jikbu x'hin resqu fuq it-tebut u biesuh. It-tebut dahhluh fil-karrozza tal-mejtin. Fuqu poggew berritta u teddy bear jixbah hafna lil dak tar-ritratt.

“Mummy, imma fejn hu d-daddy?” staqsiet Stephanie.

“Missierek qiegħed hemm fuq,” wegbitha omma filwaqt li ppuntat lejn is-sema.